**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 — Pavel vs EUIPO — bugatti (B)**

**(Kawża T-114/19)**

(2019/C 213/41)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Dan-Gabriel Pavel (Oradea, ir-Rumanija) (rappreżentant: E. Nedelcu, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* bugatti GmbH (Herford, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva B — Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 13 545 181

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedura ta' annullament

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2018 fil-Każijiet relatati R 49/2018-1 u R 85/2018-1

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u żżomm it-trade mark EUTM-013545181 irreġistrata validatament kif kienet irreġistrata fil-05/05/2016 għall-prodotti u s-servizzi kollha;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż ġudizzjarji.

**Motivi invokati**

— Inapplikabbiltà tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Assenza ta' prova dwar il-ksur tal-interess pubbliku.